# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 210/2015**

Il-Pulizija

vs

**Richard Bonello**

iben Francis, imwieled Attard, fit-30 ta' Mejju, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 275375(M)

Illum 23 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat Richard Bonello quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fuq talba tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol ġie akkużat talli fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala klijent li għalih qiegħed isir ix-xogħol nhar l-14 ta' Diċembru 2013 matul il-ġurnata u/jew fix-xhur ta' qabel fis-sit tal-kostruzzjoni sitwat f'39, Old Railway Street, Balzan, naqas milli jwettaq id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet tiegħu bħala klijent. Huwa ġie akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala *project supervisor* fl-istadju tal-eżekuzzjoni naqas li jikkoordina l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti sabiex jiġi zgurat li l-kuntratturi, u jekk ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni

mpjegati għal rashom jsegwu l-pjan tas-saħħa u s-sigurta'. Naqas li jorganizza koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inklużi l-kuntratturi suċċessivi fuq l-istess sit, koordinazzjoni ta' attivitajiet tagħhom bl-iskop li jiġu protetti l-ħaddiema u li jiġu evitati inċidenti u periklu għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol u informazzjoni reċiproka, hekk li jiġi zġurat li persuni li jaħdmu għal rashom jiddaħħlu f'dan il-proċess meta jkun hemm bżonn u jikkoordina arranġamenti sabiex jivverifika li l-proċeduri tax-xogħol ikunu qegħdin jiġu implimentati b'mod korrett.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-6 ta' Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l_Avviz Legali 281/2004 (SL 424.29) u Artikoli 5(a)(b)(e) tal-AL 281/2004 (SL 424.29 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati u għaldaqstant kkundannatu multa ta' sitt mitt euro (€600).

Rat ir-rikors tal-appellanti Avukat Generali minnu ppreżentat fis-6 ta' Mejju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tannulla s-sentenza appellata fl-intier tagħha u tipproċedi *ai termini* tal-artiklu 428 tal-Kodiċi Kriminali fl-aħjar interess tal-ġustizzja, jew <u>alternattivament</u> tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat *qua* imputat ħati tal-akkuzi dedotti kontrih, tirriformaha f'dik il-parti li tirrigwarda l-piena billi tgħaddi sabiex tikkundannah iħallas multa, għal kull każ ta' ksur ta' liġi, liema multa ma tistax tkun inqas minn dik il-multa li l-appellat *qua* imputat kien avżat iħallas mill-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, u ċioe' tikkundannah iħallas multa ta' mhux inqas minn disa' mija u tletin ewro (€930).

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi fit-tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest in kwantu li kien hemm enunċjazzjoni u applikazzjoni kompletament żbaljata tal-liġi meta l-Ewwel Onorabbli Qorti erogat il-multa ta' sitt mitt ewro (€600), hekk kif se jigi spjegat f'dan ir-rikors t'appell;

Illi fit-taħrika tal-Pulizija l-appellat *qua* imputat kien oriġinarjament akkużat talli nhar "l-14 ta' Diċembru 2013 matul il-ġurnata u/jew fil-ġranet ta' qabel" naqas milli jwettaq id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet tiegħu bħala klient u naqas milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu bħala *project supervisor* fl-istadju ta' l-eżekuzzjoni. L-esponent ġie infurmat mill-Uffiċjal Prosekutur li fis-seduta tal-15 ta' April 2015 l-avukat difensur ta' Richard Bonello qajjem oġġezzjoni għar-rigward tax-xahar fejn fih saret l-ispezzjoni mill-uffiċjali tas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol, u ċioe' li tali spezzjoni saret f'Novembru minflok f'Diċembru. L-Uffiċjal Prosekutur oġġezzjona għal tali korrezzjoni fejn sussegwentement intlaħaq ftehim bejn il-partijiet li filwaqt li x-xahar fejn fih saret l-imsemmija spezzjoni jibqa' jaqra bħala x-xahar ta' Diċembru hekk kif kien hemm miktub oriġinarjament, wara l-kliem "l-14 ta' Diċembru 2013 matul il-ġurnata u/jew" titneħħa l-frażi "fil-ġranet ta' qabel" u minflok tiżdied il-frażi "u fix-xhur ta' qabel", biex b'hekk b'tali korrezzjoni jiġi kopert ukoll ix-xahar ta' Novembru. Infatti fil-verbal datat 15 ta' April 2015 hemm miktub, "Prosekuzzjoni titlob korrezzjoni fis-sens li minflok ġranet ta' qabel tiġi taqra xhur ta' qabel." Konsegwentement, il-Qorti laqgħet t-talba u ordnat il-prosegwiment tas-smiegħ tal-kawża. *Nonostante cio'*, fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' April 2015 hemm miktub li Richard Bonello ġie akkużat talli nhar "l-14 ta' Novembru 2013 u fix-xhur ta' qabel matul il-ġurnata u/jew fil-ġranet ta' qabel" naqas milli jwettaq id-dmirijiet u r-responsabbilitajiet tiegħu bħala klient u naqas milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu bħala *project supervisor* fl-istadju ta' l-eżekuzzjoni. Għalhekk b'mod ċar u manifest wieħed jara li d-data u l-perjodu ta' żmien hekk kif riportati fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti mhumiex l-istess hekk kif indikati fit-taħrika tal-Pulizija hekk kif korretta. Dan iwassal għan-nullita' tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

Illi l-artiklu 38(3) tal-Kapitlu 424 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula:

> (3) Kull persuna li tagħmel xi reat kontra dan l-Att jew regolamenti magħmula taħt dan l-Att teħel, meta tinstab ħatja, il- piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien; u barra minn hekk, il-Qorti tista' wkoll, fuq it-talba tal-

prosekuzzjoni, tħassar il- liċenzi kollha, b'ordnijiet bil-miktub jew permessi maħruġa lil jew f'isem il-persuna misjuba ħatja in konnessjoni mal-post tax-xogħol fejn ikun sar ir-reat:

Illi *di piu'* ir-regolament 3(1) u r-regolament 3(4) tal-Avviż Legali 36 tal-2012 jistipulaw rispettivament:

**3.** (1) Fejn l-Awtorità tavża lil xi persuna għall-ħlas ta' penali skont l-artikolu 38 (3) tal-Att, l-ammont tal-penali għandu jkun determinat b'referenza għall-iSkeda I li tinsab ma' dawn ir- regolamenti.

(4) Jekk il-parti avżata tonqos milli tħallas il-penali jew penalitajiet li għandhom jitħallsu sa ħmistax il-ġurnata minn meta jkun wasal l-avviż, ikunu jistgħu jittieħdu proċeduri kontra l-parti avżata, skont artikolu 38 tal-Att, li jistgħu jwasslu, **jekk il-persuna tinstab ħatja, għal multa, għal kull każ ta' ksur ta' liġi, u li f'kull każ ma tistax tkun inqas minn dik il-multa jew multi li persuna tkun avżata tħallas mill-Awtorità.** (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi l-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol kienet bagħtet lill-appellat *qua* imputat avviż għall-pagament ta' penali peress li kien naqas milli jwettaq d-dmirijiet u r-responsabbilitajiet tiegħu bħala klient u kif ukoll talli naqas milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu bħala *project supervisor* fl-istadju tal-eżekuzzjoni, u b'hekk fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta huwa jirċievi l-imsemmi avviż huwa kellu jħallas l-ammont ta' disa' mija u tletin ewro (€930).[1] *Nonostante cio'*, Richard Bonello baqa' inadempjenti u b'hekk ittieħdu proċeduri kriminali kontrih. B'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, wieħed ma jistax jifhem kif wara li sabet lil Richard Bonello ħati tal-akkużi kollha dedotti kontrih hija erogat multa ta' sitt mitt ewro (€600) u dan kuntrarju għal dak stipulat fir-regolament 3(4) tal-Avviż Legali 36 tal-2012 fejn il-liġi b'mod ċar u tassattiv tistipula li f'każijiet bħal każ odjern meta l-persuna tinstab ħatja għandha tiġi kkundannata sabiex tħallas multa, għal kull każ ta' ksur ta' liġi, liema multa ma tistax tkun inqas minn dik il-multa li tali persuna kienet avżata tħallas mill-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol. B'hekk Richard Bonello kellu jiġi kkundannat iħallas multa

[1] L-avviż għall-pagament tal-penali jinsab a fol. 10 tal-atti proċesswali.

ta’ mhux inqas minn disa’ mija u tletin ewro (€930) hekk kif hemm miktub fl-avviż għall-pagament ta’ penali mibgħut lilu mill-Awtorita’ għas-Saħħa u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xogħol;

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fit-trattazzjoni finali quddiem din il-Qorti d-difiża ssottomettiet ż-żewġ argumenti segwenti fir-rigward tal-appell intavolat mill-Avukat Generali u cioe’:

1) Li l-appell tal-Avukat Ġenerali ġie preżentat fuori termine ; u
2) Li fl-atti ma hemmx sentenza ffirmata fl-Atti

**1 ) Li l-appell tal-Avukat Ġenerali ġie preżentat *fuori termine***

Is-sentenza mill-Ewwel Qorti ġiet deċiża fil-15 t’April, 2015 u l-Pulizija preżentat in-nota tal-appell fis-17 t’ April, 2015 filwaqt illi l-Avukat Ġenerali rċieva l-imsemmija atti l-**Ħamis 23 t’ April, 2015. L-Avukat Ġenerali għandu tmint (8) ijiem tax-xogħol biex jibgħat l-Atti.**

| | |
|---|---|
| Ġurnata 1 | Il-Ġimgħa 24 t’April, 2015 |
| **Reġistru Kriminali Magħluq** | **Is-Sibt 25 t’April, 2015**<br>**Il-Ħadd 26 t’April, 2015** |
| Ġurnata 2 | It-tnejn 27 t’April, 2015 |
| Ġurnata 3 | It-Tlieta 28 t’April, 2015 |
| Ġurnata 4 | L-Erbgħa 29 t’April, 2015 |
| Ġurnata 5 | Il-Ħamis 30 t’April, 2015 |
| **Festa Pubblika -Reġistru Kriminali** | **Il-Ġimgħa 1 ta’ Mejju, 2015** |

| | |
|---|---|
| **Magħluq** | |
| **Reġistru Kriminali Magħluq** | **Is-Sibt 2 ta' Mejju, 2015**<br>**Il-Ħadd 3 ta' Mejju 2015** |
| Ġurnata 6 | It-Tnejn 4 ta' Mejju, 2015 |
| Ġurnata 7 | It-Tlieta 5 ta' Mejju, 2015 |
| **Ġurnata 8** | **L-Erbgħa 6 ta' Mejju, 2015 -l-appell ġie preżentat.** |

It-timbru fuq l-appell intavolat mill-Avukat Ġenerali huwa **tas-6 ta' Mejju, 2015** għaldaqstant ġie preżentat fit-terminu stabbilit mill-liġi.

**2 ) Li fl-atti ma hemmx sentenza ffirmata fl-Atti**

Illi huwa minnu li fl-Atti ma hemmx sentenza ffirmata fil-proċess iżda l-**Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** li jelenka x'għandu jkun fiha s-sentenza sommarja jgħid is-segwenti:

*'Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat'.*

Illi dan l-artikolu ma jidħolx fl-importanza li sentenza għandha tkun iffirmata meta tkun kawża sommarja u għaldaqstant anqas din l-eċċezzjoni ma tista' tintlaqa'.

**Għal dawn ir-raġunijiet, l-eċċezzjonijiet mressqa mid-Difiża fit-trattazzjoni mhux qed jiġu milqugħa.**

Illi dan l-appell ġie intavolat mill-Avukat Generali nkwantu jirrigwarda l-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dan minħabba l-fatt li l-Ewwel Qorti sabet l-imputat ħati tal-akkużi dedotti kontrih iżda meta ġiet għal piena ma imponitx il-piena kif rikjesta mill-Liġi iżda marret għal waħda nqas.

Illi fir-rigward ta' dan il-punt l-Avukat Ġenerali jagħmel referenza għall-Avviż Legali 36 tal-2012 speċifikament għall-regolament 3 (1) u 3 (4) li jgħidu s-segwenti :

*3. (1) Fejn l-Awtorità tavża lil xi persuna għall-ħlas ta' penali skont l-artikolu 38 (3) tal-Att, l-ammont tal-penali għandu jkun determinat b'referenza għall-iSkeda I li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.*

*(4) Jekk il-parti avżata tonqos milli tħallas il-penali jew penalitajiet li għandhom jitħallsu sa ħmistax il-ġurnata minn meta jkun wasal l-avviż, ikunu jistgħu jittieħdu proċeduri kontra l-parti avżata, skont l-artikolu 38 tal-Att, li jistgħu jwasslu, **jekk il-persuna tinstab ħatja, għal multa, għal kull każ ta' ksur ta' liġi, u li f'kull każ ma tistax tkun inqas minn dik il-multa jew multi li persuna tkun avżata tħallas mill-Awtorità.***

Illi skont l-Atti s-Sur Richard Bonello kien effetivament ġie avżat mill-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-post tax-xogħol sabiex iħallas l-ammont ta' **€930** fi żmien ħmistax -il ġurnata minn mindu jirċievi l-ittra minħabba li f'39, Old Railway Street , Balzan nhar l-14 ta' Diċembru, 2013 naqas milli jwettaq id-dmirijiet u responsabilitajiet tiegħu bħala klijent u talli naqas milli jaqdi d-dmirijiet tiegħu bħala project supervisor fl-istadju tal-esekuzzjoni.Huwa ġie ulterjorment avżat li jekk ma jħallas l-penali jittieħdu passi ulterjuri fil-konfronti tiegħu.

Ili peress li huwa ma ħallas il-penali dovuta ta' **€930** huwa tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati permezz ta' Ċitazzjoni.

L-aggravju mressaq mill-Avukat Generali jikkonċerna l-fatt li meta l-Ewwel Qorti sabet lil appellat ħati naqset milli timponi l-multa addatta u cioe' dik **€930** jew iktar u mhux dik ta' **€600** għax ir-Regolament 3(4) tal-A.L. .36 tal-2012 huwa ċar dwar dan il-punt. Meta persuna tinstab ħatja, ma tistax teħel multa inferjuri għal dik avżata li tħallas mill-Awtorita' u din hija tassativa.

Għal dawn ir-raġunijiet tilqa' l-Appell tal-Avukat Generali, tikkonferma s-sentenza appellata nkwantu s-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti. Inkwantu għal piena , tħassar u tirrevoka l-multa

inflitta mill-Ewwel Qorti u minflok tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ disa’ mija u tletin Ewro (€930).